MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 479/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Keith Arnaud]**

**vs**

**Raymond Borg**

Kumpilazzjoni Numru: 479/2009

**Illum, 11 ta' April 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Raymond Borg, ta' 39 sena, iben Joseph u Saverina nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Mejju, 1969 u residenti fil-fond 65, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 430769(M).

Akkuzat talli

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet different, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Nhar il-14 ta’ Marzu, 2009, ghall-habta ta’ 18:00hrs, minn gewwa garage bla numru fi Triq San Mikiel, Fgura, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta’ vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM 128, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, loku  cirkostanzi u/jew wara din id-data f’dawn il-gzejjer, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq minn vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM 128, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur, liema liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta  tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar is-07 ta’ Mejju, 2009, ghall-habta ta’ 13:45hrs, minn gewwa Triq l-Casolani, Birkirkara, ikkommetta serq ta’ vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni JAF 015, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Kevin Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew wara din id-data f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq minn vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni JAF 015 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux

aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Kevin Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar it-13 ta' April, 2009, ghall-habta ta' 09:20hrs, minn gewwa Triq il-Mahznier, Luqa, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, ikkometta serq ta' vettura Toyota Dyna, bin-numru tar-registrazzjoni ETV 002, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Gordon Micallef u/jew persuna jew persuni ohra bhala diretturi tal-kumpanija ETV Ltd.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi u/jew wara din id-data f'dawn il-gzejjer, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq minn vettura Toyota Dyna, bin-numru tar-registrazzjoni ETV 002, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Gordon Micallef u/jew persuna jew persuni ohra bhala diretturi tal-kumpanija ETV Ltd;

U aktar talli fil-lejl tas-27 u t-28 ta' April, 2009, minn gewwa Triq Melita, Valletta ikkommetta serq ta' vettura Subaru 700, bin-numru tar-registrazzjoni CAP 772, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Giovanni Maria Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew wara din id-data f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq minn vettura Subaru 700, bin-numru tar-registrazzjoni CAP 772, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u

ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Giovanni Maria Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fix-xhur ta' Marzu u Mejju, 2009, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Il-Qorti, giet mitluba biex titratta ma' Raymond Borg bhala li huwa ricediv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qrti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
1) 261, 263, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) 261, 263, 271, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) 261, 263, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) 261, 263, 271 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) 261, 263, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) 261, 263, 271, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) 261, 263, 270, 279(a) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) 261, 263, 271, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
10) 17, 18, 20, 23, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra hlif ghad-

disgha imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ serq.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghad-disgha wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi d-disgha imputazzjoni, dik ta’ ricetazzjoni, hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra ta’ serq li gew ammessi; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din id-disgha imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda refrettarja. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-bicca l-kbira tar-res furtive giet rkuprata u li l-imputat ikkolabora mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disgha imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssibu hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikundanna lill-imputat biex fi zmien sentejn ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ elf mija u wiehed u hamsin Euro u disgha u hamsin centezmu (€1151.59) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------